# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Novembru, 2022.**

**Numru 6**

**Rikors numru 108/19/1 CFS**

**Dr. Matthew Brincat bħala mandatarju speċjali ta' Dr. Christine Autenrieth**

**v.**

1. **European Medical College Ltd (C76617)**
2. **Candena Digital Education Malta Ltd (C81455)**
3. **Digital Education Holdings Ltd (C82123)**

1. Dr. Autenrieth kienet ġiet appuntata bħala direttur tat-tlett soċjetajiet konvenuti u kienet ukoll impjegata tagħhom bis-saħħa ta' Director Services Agreement, permezz ta' liema kellha tmexxi t-tliet kumpaniji bħala direttur, *head of institution* u CFO. Il-ħatra bħala direttur

ta' Dr. Autenrieth u l-impjieg tagħha ġew terminati b'effett mid-29 ta' Awwissu, 2018, wara laqgħat li saru mal-azzjonisti tal-kumpaniji konvenuti, li xtaqu jitterminaw il-ħatra u l-impjieg tagħha. Dr. Autenrieth issostni li bis-saħħa tal-imsemmi *Director Services Agreement* hija ntitolata għall-ħlas ta' €241,500, rappreżentanti penali stipulata fl-istess kuntratt għaż-żmien bejn id-data ta' terminazzjoni sal-31 ta' Lulju, 2020.

2. F'dawn il-proċeduri hija talbet għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara illi l-ammont ta' mitejn wieħed u erbgħin elf u ħames mitt Ewro (€241,500) jew somma oħra verjuri, huma dovuti mis-soċjetajiet intimati, jew min minnhom, lir-rikorrenti Dr. Christine Autenrieth;
>
> 2. Tikkundanna lis-soċjetajiet intimati jew min minnhom sabiex jħallsu s-somma ta' mitejn wieħed u erbgħin elf u ħames mitt Ewro (€241,500) jew somma oħra verjuri, lir-rikorrenti Dr. Christine Autenrieth."

3. Il-konvenuti eċċepew li m'hemm l-ebda ħlas dovut lill-attriċi *proprio* għaliex skont il-kuntratt li jirregola r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet l-impjieg tal-attriċi seta' jiġi tterminat fil-każ li European Medical College Ltd ma tiġix akkreditata bħala universita` jew *higher education institution* sal-1 ta' April, 2018, u/jew il-finanzjament tal-kumpanija mill-investituri tagħhom ma jkomplix fil-perjodu tal-1 ta' April 'il quddiem, li huma kellhom problemi biex ikompli l-investiment fihom minħabba li l-attriċi ma qdietx dmirijietha, u li l-kuntratt ġie tterminat bis-saħħa tal-klawsola 7.5 minħabba r-raġunijiet stipulati fiha, liema terminazzjoni trid tiġi distinta mit-tneħħija tal-attriċi mill-kariga tagħha ta' direttur.

4. Bis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-4 ta' April, 2022, ġie deċiż hekk:

> "Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:
>
> i. Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpanniji konvenuti għaliex din l-eċċezzjoni ma żżommx lill-qorti milli tistħarreġ it-talbiet attriċi;
>
> ii. Tilqa' l-eċċezzjonijet l-oħra tal-kumpanniji konvenuti u dan safejn dawn huma konformi mal-konsiderazzjonijiet magħmula aktar 'il fuq f'din is-sentenza; u
>
> iii. Tiċħad it-talbiet kollha ta' Dr. Matthew Brincat bħala mandatarju speċjali ta' Dr. Christine Autenrieth;
>
> Fl-aħħar nett, peress li Dr. Christine Autenrieth hija l-parti telliefa f'din il-kawża, il-qorti qiegħda tordna bit-tħaddim tal-artikolu 223(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li Dr. Christine Autenrieth għandha tbati l-ispejjeż kollha marbuta ma' din il-kawża. L-ispejjeż tal-kawża jistgħu jinġabru wkoll mingħand l-avukat Matthew Brincat bħala l-mandatarju maħtur minnha skont l-artikolu 1005 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta."

5. L-attur *nomine* preżenta r-rikors tal-appell tiegħu fl-4 ta' Mejju, 2022, permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka jew tvarja s-sentenza appellata billi tilqa' l-aggravji jew parti minnhom tal-appellanti u tikkundanna lis-soċjetajiet appellati jew min minnhom iħallsu s-somma ta' €241,500 jew somma oħra verjuri lill-appellanti *proprio*, bl-ispejjeż kontra l-appellati.

6. Is-soċjetajiet appellati preżentaw ir-risposta tal-appell tagħhom fit-8 ta' Ġunju, 2022, permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-appellanta.

**Ikkonsidrat:**

**L-Ewwel Aggravju**

7. Permezz tal-ewwel aggravju l-appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti żbaljat billi interpretat u applikat il-klawsola tal-ftehim bejn il-partijiet b'mod żbaljat u mhux skont il-kliem tal-istess kuntratt. Targumenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li l-kuntratt ġie tterminat taħt il-klawsola 7.5 billi hija ngħatat in-*notice* neċessarju skont dak l-artikolu għaliex il-proċedura taħt il-klawsola 7.5 li tirrikjedi *notice period* ta' ġimgħatejn hija separata u distinta mill-għażliet l-oħra li setgħu jintużaw mis-soċjetajiet appellati biex jitterminaw l-ingaġġ tagħha. Issostni li fil-fatt il-klawsola wżata mis-soċjetajiet appellati kienet dik numru 7.6, li tipprospetta t-terminazzjoni tar-relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet għall-għanijiet tal-Artikolu 140 tal-Att dwar il-Kumpaniji, u żżid li dawn iż-żewġ klawsoli huma separati u distinti minn xulxin. Tgħid li bħala stat ta' fatt is-soċjetajiet appellati qatt ma nnotifikawha li l-kuntratt tagħha kien qed jiġi tterminat ġimgħatejn qabel, kif rikjest mill-klawsola 7.5, u n-notifika tal-laqgħa straordinarja ta' Awwissu 2018 ma kellhiex titqies mill-Ewwel Qorti bħala n-notifika tal-bidu tan-*notice period* tagħha partikolarment peress li sa dak iż-żmien id-deċiżjoni biex tiġi tterminata l-ħatra tagħha kienet għadha ma ttiħditx iżda ttieħdet fid-29 ta' Awwissu,

2018, fatt li jirriżulta ċar mid-diċitura tan-*notice* tal-laqgħa straordinarja u ċioé li "*the above resolution aims to remove Ms Christine Autenrieth from the Board of Directors of the Company.*" Tgħid li l-appellati kellhom l-għażla jew li jitterminaw il-ħatra tagħha għar-raġunijiet elenkati fil-klawsola 7.5 b'*notice period* ta' ġimgħatejn jew li jitterminaw il-ħatra tagħha b'mod immedjat wara laqgħa straordinarja bis-saħħa tal-klawsola 7.6, u żżid li dawn iż-żewġ proċeduri huma alternattivi u ma jagħmilx sens li jintużaw flimkien. Targumenta li s-soċjetajiet appellati eżerċitaw id-dritt tagħhom biex jitterminaw il-kuntratt tagħha għall-għanijiet tal-Artikolu 140 tal-Att dwar il-Kumpaniji u għalhekk skatta b'mod awtomatiku d-dritt ta' pagament fil-klawsola 7.8 tal-kuntratt u hija ntitolata għal *severance payment* ġaladarba s-soċjetajiet appellati tterminaw il-ħatra tal-appellanti bil-proċedura stipulata fil-klawsola 7.6 u qabel il-31 ta' Lulju, 2020. Tilmenta li l-Ewwel Qorti daħlet f'argumentazzjoni u nterpretazzjoni tal-klawsola tal-kuntratt bla bżonn għaliex il-kuntratt kien ċar daqs il-kristall u għalhekk l-Ewwel Qorti marret kontra dak stipulat fl-Artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili meta naqset milli tenforza l-klawsoli ċari tal-kuntratt u minflok ibbażat ruħha fuq interpretazzjoni żbaljata tal-istess klawsoli. Iżżid li s-soċjetajiet appellati ma ġabu l-ebda prova dwar l-allegata ntenzjoni wara l-klawsola 7.8 tal-kuntratt u għalhekk l-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda prova fuq xiex tibbaża l-interpretazzjoni tagħha, u żżid ukoll li din l-analiżi kienet konfliġġenti ġaladarba l-Qorti ammettiet li minn qari tal-klawsola 7.8 l-appellanti hija intitolata għal ħlas ta' *severance payment.*

8. Permezz tat-tieni aggravju l-appellanta tilmenta li l-Ewwel Qorti straħet fuq diversi raġunijiet biex tikkonkludi li kien hemm raġuni tajba għat-terminazzjoni tal-impjieg tagħha, liema raġunijiet ma ngħatawx lill-appellanti fil-ħin opportun iżda ħarġu biss, mingħajr l-ebda provi fattwali, fil-mori tal-kawża. Targumenta li r-raġunijiet li straħet fuqhom l-Ewwel Qorti qatt ma kienu kkomunikati lill-appellanti qabel ma kellha l-ħatra tagħha tterminata iżda ħarġu biss tul il-kawża, u żżid li l-unika raġunijiet li s-soċjetajiet appellati tawha għat-terminazzjoni tal-ħatra tagħha nkludew biss dak li ssemma fin-*notice* tal-laqgħa straordinarja u fil-laqgħa straordinarja stess, u ċioé li sal-1 ta' April, 2018, il-kumpanija kienet għadha mingħajr "*educational licence nor the necessary financing to conduct the resulting business."* Tgħid li s-soċjetajiet appellati qatt ma ġabu prova li l-ħatra tagħha ġiet itterminata għal raġunijiet addizzjonali, tant li Volker Schriefer stess stqarr li sar jaf bihom wara li l-appellanti spiċċat minn direttur. Skont l-appellanti għalhekk is-soċjetajiet appellati u l-Ewwel Qorti setgħu jistrieħu biss fuq ir-raġunijiet imsemmija fin-*notice* għall-laqgħat straordinarji ta' Awwissu 2018 li kienu dawk riflessi fil-klawsola 7.5 tal-ftehim u mhux fuq affarijiet oħra.

9. Is-soċjetajiet appellati jwieġbu li l-appellanti ma qajmet l-ebda argument ġdid li għandu jiġi kkonsidrat minn din il-Qorti iżda biss l-istess punti u argumenti li tqajmu u ġew deċiżi mill-Ewwel Qorti. Jargumentaw

li anke jekk din il-Qorti kellha taċċetta li l-appellanti ma ngħatatx "*notice"* dan m'għandux iwassal għall-konklużjoni li t-terminazzjoni ma seħħitx taħt il-klawsola 7.5 għaliex din hija biss kwistjoni proċedurali u ma tiddeterminax taħt liema artikolu seħħet it-terminazzjoni. Jgħidu li fi kwalunke każ l-appellanta ngħatat ġimgħatejn *notice* sal-laqgħa straordinarja u jżidu li huwa kontradittorju li l-appellanta tgħid li ma kinitx notifikata meta hija stess tgħid fl-affidavit tagħha li kienet ġiet infurmata li ser issir laqgħa straordinarja sabiex tiġi diskussa t-tneħħija tagħha. Is-soċjetajiet appellati jżidu li dan ma kienx avviż ta' terminazzjoni ta' mpjieg iżda avviż kuntrattwali għat-tneħħija tal-appellanta mir-rwoli kollha tagħha. Jargumentaw li l-proċedura taħt l-Artikolu 140 tal-Att dwar il-Kumpaniji kellha tintuża tabilfors biex l-appellanta titneħħa minn direttur iżda dan ma jfissirx li allura t-terminazzjoni seħħet taħt l-Artikolu 7.6, u jżidu li din il-klawsola tapplika biss meta ma jkunux raġunijiet validi għat-tneħħija.

10. Fir-rigward tat-tieni aggravju jargumentaw li l-appellanta kienet taf sew bin-nuqqasijiet eżistenti tagħha, u fi kwalunke każ dak li kellha tikkonsidra l-Ewwel Qorti kien jekk l-appellanta ħaditx ħsieb illi l-finanzjament tal-kumpanija mill-investituri tagħha jkompli fil-perjodu tal-1 ta' April 'il quddiem, li mill-provi rriżulta li ma kienx il-każ. Isostnu li r-raġunijiet imsemmija mill-Ewwel Qorti seħħew qabel it-terminazzjoni u

għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet li dawn kienu biżżejjed biex jiġġustifikaw it-terminazzjoni taħt it-tieni parti tal-klawsola 7.5.

11. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "27. L-eċċezzjonijiet l-oħra mressqa mill-kumpanniji konvenuti huma bejn wieħed u ieħor titnija tal-istess argument, viz. li Dr Autenrieth ma ħaqqhiex tingħata kumpens skont ilklawsoli 7.8 u 9.1 tal-kuntratt għaliex mhux biss dawn il-klawsoli ma jgħoddux għaċ-ċrikostanzi pekuljari tal-każ tal-lum imma anke għaliex kien hemm raġunijiet tajba biżżejjed biex il-kuntratt tagħha jitwaqqaf qabel iż-żmien. Dawn l-eċċezzjonijiet għalhekk sejrin jiġu mistħarrġa f'daqqa fid-dawl tat-talbiet attriċi;
>
> 28. Magħmula din id-daħla, il-qorti tista' tgħaddi biex teżamina dak li tgħid il-klawsola 7.8 tad-Director's Service Agreement, li fuqha Dr Autenrieth bniet il-kawża tagħha Din ilklawsola taqra hekk:
>
> > «In case the Agreement is terminated a) without good cause or b) under Clause 7.6 and c) prior to 31st July 2020 the Company has to pay the Director a severance payment. The amount of the severance payment is equivalent to the outstanding monthly payments according to Clause 9.1. for the period between end of service and July 2020 and will be paid with the last regular contractual payment.»
>
> 29. Il-qorti tinnota minnufih li r-rekwiżit misjub fil-paragrafu (c) tal-klawsola 7.8 huwa sodisfatt għaliex il-kuntratt inkwistjoni ġie mitmum permezz tat-tneħħija ta' Dr Autenrieth minn direttur fid-29 ta' Awwissu, 2018, jiġifieri ftit inqas minn sentejn qabel id-data tal-31 ta' Lulju, 2020;
>
> 30. Imiss issa li l-qorti tistħarreġ jekk kienx hemm raġuni tajba biex il-kuntratt ta' servizz mogħti lil Dr Autenrieth jiġi mitmum skont dak li hemm provdut fil-kuntratt. Tabilħaqq, ma kien hemm xejn x'iżomm lill-kumpanniji konvenuti milli jieħdu deċiżjoni bħal din jekk jirriżultahom li kien hemm xi raġuni tajba biex hija titneħħa minn direttur tal-kumpanniji. Wara kollox, wieħed ma jridx jinsa li l-bord tad-diretturi għandu l-obbligu li jżomm quddiem għajnejh l-istampa kollha tas-sitwazzjoni li jkollu quddiemu u kultant huwa meħtieġ li jieħu deċiżjonijiet li għalkemm mal-ewwel daqqa t'għajn ikunu jidhru li ttieħdu bl-għama jew b'ċertu sogru, dawn ikunu fl-aħjar interessi tal-kumpannija. F'dan ir-rigward kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ (ara iWorld Group Holdings Europe plc et v. Bettina Vossberg, Appell Superjuri tas-27 ta' Lulju, 2007);
>
> 31. Peress li l-kumpanniji konvenuti jisħqu li l-kuntratt ġie mwaqqaf fid-dawl ta' dak li tipprovdi l-klawsola 7.5 tal-kuntratt, jeħtieġ li jiġi

eżaminat jekk fil-mument li Dr Autenrieth ġiet imneħħija minn direttur kienx hemm xi waħda minn dawn iż-żewġ ċirkostanzi msemmija f'din il-klawsola;

32. L-ewwel ċirkostanza li minħabba fiha seta' jiġi mitmum il-kuntratt kienet fil-każ li skont il-liġi Maltija, il-kumpannija European Medical College Ltd ma tingħatax akkreditazzjoni bħala università jew istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla sal-1 ta' April, 2018. Fil-fehma tal-qorti din iċ-ċirkostanza trid tiġi interpretata fid-dawl tar-regola ġenerali li parti f'kuntratt m'għandhiex tbati ħsara jekk jintwera li d-dewmien fit-twettiq tal-obbligazzjoni jseħħ minħabba raġuni ta' ħaġa barranija lil hemm mill-kontroll ta' dik il-persuna. Tassew il-qorti ma tarax li hija ħaġa xierqa li Dr Autenrieth titlef il-kuntratt tagħha, jekk l-akkreditazzjoni ma nkisbitx qabel it-terminu mogħti lilha fil-kuntratt tagħha, minħabba xi raġuni li hija ma kellhiex x'taqsam miegħu. Naturalment però jaqa' fuqha l-piż li tipprova li l-akkreditazzjoni nkisbet tard minħabba raġunijiet li mhumiex tort tagħha;

33. Mill-provi jirriżulta li din il-kumpannija ġiet rikonoxxuta bħala istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla fil-kamp tal-mediċina f'Ġunju tas-sena 2018. Dan jgħiduh kemm Dr Christine Autenrieth fl-affidavit tagħha u kif ukoll Jurgen Laartz fix-xiehda tiegħu tas-6 ta' Ottubru, 2021. Għalhekk, il-qorti jirriżultalha li din il-mira tal-kumpannija European Medical College Ltd ma ntlaħqitx. Il-qorti jirriżultalha wkoll li l-kisba ta' din l-akkreditazzjoni kienet taqa' direttament fir-responsabbiltajiet li kellha Dr Autenrieth bħala direttur tal-kumpannija. Dan jgħiduh kemm Jurgen Laartz (ara x-xiehda tiegħu tat-8 ta' Jannar, 2020 f'paġna 171 tal-atti) u kif ukoll il-Professur Andreas Hoeft (ara l-affidavit tiegħu f'paġni 221 u 222 tal-atti);

34. Madankollu, din il-qorti hija tal-fehma li Dr Autenrieth ma taħtix għal dan id-dewmien fil-kisba tal-akkreditazzjoni sabiex il-kumpannija tkun tista' topera bħala istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla fil-kamp tal-mediċina. Il-qorti waslet għal din il-konklużjoni wara li rat ix-xiehda ta' Audrey Abela, li lura fis-snin 2017 u 2018 kienet il-kap tal-akkreditazzjoni u l-liċenzji fi ħdan il-Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (ara paġni 159 sa 162 tal-atti). Fix-xiehda tagħha Audrey Abela qalet li l-proċess tal-ħruġ tal-liċenzja kien ħa daqshekk fit-tul għaliex f'ċirkostanza bħal dik, fejn kumpannija kienet qiegħda tapplika għall-akkreditazzjoni bħala istituzzjoni online, il-Kummissjoni kienet għadha fil-proċess ta' tagħlim u għalhekk riedu jsiru l-aċċertazzjonijiet li l-kors li kien sejjer jiġi offrut mill-kumpannija kien sejjer jilħaq il-kwalità meħtieġa. Hi kompliet tgħid li l-kumpannija kkoperat fis-sħiħ mal-Kummissjoni tant li l-kumpannija dejjem ipprovdiet id-dokumentazzjoni li kienet tintalab mill-Kummissjoni. Żiedet li kien hemm pressjoni min-naħa tal-kumpannija European Medical College Ltd biex tinħarġilha l-liċenzja u li kieku l-kumpannija ma kellhiex kollox kif suppost, il-liċenzja ma kinitx tinħareġ;

35. Fid-dawl ta' dan, il-qorti temmen li d-dewmien ta' xahrejn fil-kisba tal-liċenzja inkwistjoni min-naħa tal-kumpannija European Medical College Ltd ma jistax jiġi attribwit lil Dr Autenrieth għaliex dan id-dewmien kien ġej kollu min-naħa tal-awtorità Maltija. Għalkemm din l-ewwel ċirkostanza misjuba fil-klawsola 7.5 tad-Director's Service Agreement fil-fatt seħħet għaliex l-akkreditazzjoni ma nġabitx sal-1 ta' April, 2018 iżda nġabet xahrejn wara, dan id-dewmien ma nibitx minħabba xi nuqqas li kien ġej mingħand Dr Christine Autenrieth. Għalhekk fil-fehma tal-qorti ma kienx hemm raġuni tajba biex il-kumpanniji konvenuti jinħallu mid-Director's Service Agreement fuq din il-bażi;

36. Imiss issa li l-qorti tistħarreġ jekk seħħitx it-tieni ċirkostanza msemmija fil-klawsola 7.5 tad-Director's Service Agreement, jiġifieri jekk il-finanzjament tal-kumpanniji konvenuti mill-investituri tagħhom tkompliex mill-1 ta' April, 2018 'il quddiem;

37. Il-qorti tinnota li kienet Dr Autenrieth stess li fl-affidavit tagħha stqarret li lejn iż-żmien tar-rebbiegħa tas-sena 2018, is-sitwazzjoni finanzjarja kienet waħda ta' tensjoni kbira, tant li l-finanzjament li l-kumpanniji konvenuti kienu qegħdin jistennew mingħand il-banek u l-investituri ma kienx wasal. Dan, fi kliemha, ġara peress li l-kumpanniji konvenuti ma kellhomx suċċess fin-negozju tagħhom, u għalhekk ħadd ma ried jinvesti fihom;

38. Uħud mill-irwoli ta' Dr. Autenrieth bħala uffiċjal ewlieni għall-finanzi kienu li taċċerta li l-kumpanniji konvenuti jżommu ruħhom f'pożizzjoni tajba minn lenti legali u finanzjarja u li hija tikseb l-investimenti għall-istess kumpanniji. Hija kellha wkoll l-obbligu li taċċerta li l-kumpanniji konvenuti jkunu reġistrati mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u kif ukoll li l-ħaddiema tal-kumpanniji konvenuti jkunu reġistrati ma' Jobsplus (ara x-xiehda ta' Jurgen Laartz f'paġna 169 tal-atti, l-affidavit ta' Jurgen Laartz f'paġna 175 tal-atti u l-affidavit ta' Andreas Hoeft f'paġni 221 u 222 tal-atti). Għalhekk, din il-qorti jeħtiġilha teżamina jekk Dr Autenrieth qdietx dawn l-irwoli b'manjiera sodisfaċenti u jekk f'ħidmitha hija kellhiex xi nuqqasijiet li wasslu biex il-kumpanniji konvenuti ma jiksbux l-investiment li kienu jeħtieġu biex joperaw in-negozju tagħhom;

39. Il-qorti titlaq billi tqis li Dr Autenrieth ma kinitx biss direttur tal-kumpanniji konvenuti iżda kienet ukoll impjegata tagħhom. L-impjieg tagħha mal-kumpanniji konvenuti mhuwiex imnissel mill-ħatra tagħha bħala direttur tal-kumpanniji iżda mid-Director's Service Agreement li hija kellha magħhom. F'dan ir-rigward il-qorti tagħmel referenza għal dak li tgħid il-kittieba Astra Emir f'paġna 36 tal-21 edizzjoni tal-opra tagħha, Selwyn's Law of Employment, fejn hija tgħid:

> «A person who is a director of a limited company is not an employee of that company by virtue of his directorship, but he will be an

employee if he has a service contract with the company, which can be express or implied.»

40. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li impjegat għandu dejjem jaqdi dmirijietu biddiliġenza li hemm mitluba fl-artikolu 1132(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġifieri dik ta' ġenitur tajjeb tal-familja. Din id-diliġenza tista' tiġi mkejla fuq żewġ kriterji: (i) li l-impjegat ikun wettaq dmirijietu skont il-ħila teknika u professjonali tiegħu u li l-prestazzjoni ta' ħidmietu tkun waħda ta' kwalità skont ma titlob l-attività tax-xogħol li jkun qiegħed iwettaq; u (ii) li x-xogħol li jwettaq l-impjegat ikun wieħed li jilħaq il-miri ta' dak li jkun qiegħed iħaddmu (ara Kenneth Vella v. Seabank Catering Co. Limited et, Appell Inferjuri tat-23 ta' Mejju, 2018);

41. Aktar minn hekk, dak l-impjegat li jkun ġie fdat f'pożizzjoni ta' fiduċja u ta' responsabbiltà fuq il-post tax-xogħol tiegħu huwa mistenni li jkun kapaċi jaħdem bl-inizjattiva tiegħu u kif ukoll id f'id mas-superjuri tiegħu sabiex jintlaħqu l-miri u r-riżultati mitluba min-negozju li jkun qiegħed jitwettaq. Fin-nuqqas li jagħmel dan b'mod ripetut, min iħaddmu jkollu raġuni tajba biex itemmlu l-impjieg tiegħu b'effett immedjat (ara Paolino Caroll v. Vincenzo Zarb, Qorti tal-Kummerċ, 6 ta' Ġunju, 1935; Emilio Colombo v. Carmelo Wismayer noe, Qorti tal-Kummerċ, 26 ta' Settembru, 1953, John Fauzza et v. Dr. Carmelo Mifsud Bonniċi noe, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 28 ta' April, 2003; u Carmel sive Charles Mercieca v. Simonds Farsons Cisk p.l.c., Appell Superjuri, 25 ta' April, 2008);

42. Wara li eżaminat bir-reqqa l-provi li tressqu quddiemha, din il-qorti qiegħda tasal għall-konklużjoni li Dr Autenrieth naqset milli twettaq ir-responsabbiltajiet ta' xogħol tagħha bħala uffiċjal ewlieni għall-finanzi skont il-ħila teknika u professjonali tagħha u bil-kwalità li titlob l-attività ta' xogħol li kienet qiegħda twettaq. Dawn in-nuqqasijiet wasslu biex il-kumpanniji konvenuti li kienu qegħdin jimpjegawha ma laħqux il-mira tagħhom li jkompli jsir l-investiment fin-negozju tagħhom mill-1 ta' April, 2018 'il quddiem;

43. Il-qorti waslet għal din il-fehma tagħha wara li kkunsidrat li:

i. Sakemm Dr Autenrieth damet uffiċjal ewlieni għall-finanzi tal-kumpanniji konvenuti, dawn ma kellhomx fis-seħħ sistema ta' rappurtaġġ finanzjarju għal kull xahar bil-balance sheet u bir-rendikonti dwar id-dħul u l-cash flow, bħalma lanqas ma kellhom rendikonti finanzjarji annwali – materji dawn li kjarament jaqgħu fil-mansjonijiet tagħha ta' uffiċjal ewlieni għall-finanzi. Dan kien l-akbar ostaklu biex investituri jinvestu flushom fin-negozju tal-kumpanniji konvenuti għaliex minħabba f'hekk dawn ma setgħux jagħmlu d-due diligence biex jiddeterminaw f'liema sitwazzjoni finanzjarja kienu jinsabu l-kumpanniji konvenuti;

ii. Waqt il-kontro-eżami tagħha Dr Autenrieth ma kinitx taf tgħid x'inhuma monthly management accounts – xi ħaġa li wieħed ma jistennihiex mingħand persuna li kienet tokkupa l-kariga ta' uffiċjal ewlieni għall-finanzi;

iii. Volker Schriefer li assuma l-funzjoni ta' uffiċjal ewlieni għall-finanzi tal-kumpanniji konvenuti wara Dr Autenrieth xehed li huwa sab ħafna nuqqasijiet ta' rappurtaġġ finanzjarju min-naħa tal-kumpanniji konvenuti meta daħal fil-kariga;

iv. Dr Autenrieth ma ħaditx ħsieb li l-kumpanniji konvenuti jkollhom fis-seħħ kuntratti ta' intragroup relationships u transfer pricing li jirregolaw il-pożizzjoni legali, fiskali u finanzjarja ta' bejniethom;

v. Dr Autenrieth naqset milli tirreġistra lill-kumpannija Digital Education Ltd mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, tant li wara li hija tneħħiet mill-funzjonijiet tagħha, l-istess kumpannija kellha tħallas €341,000 f'taxxa mhux imħallsa u penali;

vi. Il-kumpannija Digital Education Ltd lanqas biss kellha kont bankarju sakemm Dr Autenrieth damet uffiċjal ewlieni għall-finanzi tal-kumpanniji;

vii. Dr Autenrieth ma rreġistratx numru ta' impjegati tal-kumpanniji konvenuti ma' Jobsplus u biex titfa' l-melħ fuq il-ferita, waqt il-kontro-eżami tagħha hija stqarret li qatt ma kienet semgħet b'Jobsplus. Hekk ukoll, Dr Autenrieth ma kinitx kapaċi tiġbor lista kompleta tal-ħaddiema li kienu jitħallsu kull xahar mill-kumpanniji konvenuti. Lanqas ma ħolqot repożitorju ċentrali biex iżżomm il-kuntratti tal-impjegati tagħha, b'mod fiżiku jew elettroniku;

viii. L-għajxien u l-futur tal-kumpanniji konvenuti kienu jiddependu mill-ħidma u mill-ġestjoni ta' Dr Autenrieth. L-istess Dr Autrenrieth kienet imħallsa ħafna flus biex iġġib 'il quddiem l-isem ta' dawn il-kumpanniji. Madankollu Dr Autenrieth ma tantx tidher li beżgħet għal xogħolha, tant li hija ma kinitx tkun trid issiefer lejn Malta. Tassew din il-qorti ssibha ftit iebsa tara kif Dr Autenrieth setgħet qatt tmexxi b'mod tajjeb tliet kumpanniji Maltin bħala direttur u kap finanzjarju tagħhom, meta hija kienet tersaq Malta b'mod sporadiku;

ix. Fis-sena 2018 il-kumpanniji konvenuti ma kinux f'qagħda finanzjarja tajba, kuntrarjament għas-sitwazzjoni tagħhom fis-sena 2021; u

x. L-investiment formali fil-kumpanniji konvenuti sar biss fis-sena 2019, jiġifieri ferm wara li Dr Autenrieth ma baqgħetx impjegata mal-kumpanniji konvenuti, u dan wara li l-istess kumpanniji kellhom jirregolaw ruħhom u jirrimedjaw is-sitwazzjoni prekarja li ħalliethom

fiha Dr Autenrieth. Dan ifisser li fis-sena 2018 l-investiment fil-kumpanniji konvenuti ma kienx tkompla;

44. Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, din il-qorti tista' tasal għall-konklużjoni li l-kumpanniji konvenuti kellhom raġuni tajba biex iwaqqfu d-Director's Service Agreement ta' Dr Autenrieth skont il-paragrafu (b) tal-kawsola 7.5 tal-istess kuntratt. Ifisser b'hekk, li Dr Autenrieth mhijiex siewja meta tgħid li l-kuntratt tagħha ġie mitmum mingħajr kawża ġusta u għaldaqstant ma tistax tgħid li l-paragrafu (a) tal-klawsola 7.8 tal-kuntratt ġie sodisfatt;

45. Jifdal allura li din il-qorti tistħarreġ jekk ġiex sodisfatt ir-rekwiżit tal-paragrafu (b) tal-klawsola 7.8 tad-Director's Service Agreement. Skont dan il-paragrafu, il-klawsola 7.8 tidħol fis-seħħ jekk il-kuntratt jiġi mitmum skont il-klawsola 7.6, jiġifieri jekk ir-relazzjoni kuntrattwali ta' bejn il-kumpanniji konvenuti u l-mandanti tispiċċa skont dak li jgħid l-artikolu 140 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta;

46. Il-qorti tinnota li skont il-minuti tat-tliet kumpanniji konvenuti li ġew ippreżentati minn Vincent Mifsud, Dr Autenrieth ġiet imneħħija minn direttur tal-istess kumpanniji permezz ta' riżoluzzjoni meħuda skont l-artikolu 140 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta;

47. Għalhekk, mal-ewwel daqqa t'għajn, jirriżulta li dak mitlub fil-paragarafu (b) tal-klawsola 7.8 tal-kuntratt ġie fil-fatt sodisfatt. U billi kif ingħad qabel, iċ-ċirkostanza msemmija fil-paragrafu (c) tal-istess klawsola ġiet mwettqa wkoll għaliex it-terminazzjoni saret qabel il-31 ta' Lulju, 2020, allura wieħed jista' jieħu triq faċli u jikkonkludi li l-ħlas skont ilklawsola 7.8 huwa dovut lil Dr Autenrieth;

48. Madankollu, fil-fehma ta' din il-qorti, jekk hija tasal għal din il-konklużjoni mingħajr ma tistħarreġ x'kienet ir-raġuni wara l-inklużjoni tal-paragrafu (b) fil-klawsola 7.8 tal-kuntratt, hija tkun qiegħda tara biss sa xiber imneħirha. Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' din il-każ, din il-qorti jeħtiġilha teżamina jekk l-inklużjoni tal-paragrafu (b) fil-klawsola 7.6 kinitx waħda li tagħmel sens għall-għanijiet tal-kuntratt. Fi kliem ieħor, dak li sejra tagħmel din l-qorti huwa li tisħarreġ jekk għall-iskopijiet li riedu jintlaħqu permezz tad-Director's Service Agreement kienx jagħmel sens li Dr Autenrieth tkun dovuta l-ħlas ta' kumpens jekk hija titneħħa minn direttur skont dak li jipprovdi l-artikolu 140 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta;

49. Din il-qorti titlaq billi tosserva li l-miklem li jintuża fil-klawsola 7.6 tal-kuntratt huwa kemmxejn differenti minn dak li jintuża fil-klawsoli 7.5 u 7.7 tal-kuntratt. Fil-klawsoli 7.5 u 7.7, li jipprovdu għal numru ta' sitwazzjonijiet jew ċirkostanzi li minħabba fihom jista' jiġi mwaqqaf il-kuntratt, fosthom minħabba nuqqasijiet min-naħa tal-mandanti, insibu li «the Agreement can be terminated» u «The Company may

terminate this Agreement». Min-naħa l-oħra, fil-klawsola 7.6 ma jintużax l-istess miklem għaliex insibu hekk:

> «The contractual relationship between the Director and the Company shall also be terminated in terms of the Law, more specifically in terms of Article 140 of the Companies Act, Chapter 386 of the Laws of Malta.»

50. Importanti ferm li jiġi nnutat li filwaqt li fil-klawsoli 7.5 u 7.7 jintużaw il-verb «can» u l-verb awżiljarju «may», mill-banda l-oħra fil-klawsola 7.6 jintuża l-verb awżiljarju «shall». Dan ifisser li filwaqt li permezz tal-klawsoli 7.5 u 7.7 il-kuntratt jista' jiġi mitmum minħabba ċ-ċirkostanzi hemm imsemmija fihom, il-klawsola 7.6 tgħid li l-kuntratt għandu wkoll jiġi mitmum skont l-artikolu 140 tal-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta;

51. Issa s-sub-inċiżi (1) u (2) ta' dan l-artikolu 140, hawn fuq imsemmi, jaqraw hekk:

> «(1) Kumpannija tista' tneħħi direttur qabel ma jgħaddi ż-żmien tal-kariga tiegħu b'riżoluzzjoni li tittieħed f'laqgħa ġenerali tal-kumpannija u mgħoddija minn membru jew membri li jkollhom il-jedd li jattendu għaliha u jivvutaw, li flimkien ikollhom azzjonijiet li jagħtu l-jedd lid-detentur jew detenturi tagħhom għal iktar minn ħamsin fil-mija tal-jeddijiet tal-vot marbuta mal-azzjonijiet rappreżentati u li jagħtu l-jedd għal vot fil-laqgħa. (2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandhom japplikaw minkejja kull ħaġa li tinsab fil-memorandum jew fl-istatut tal-kumpannija jew f'xi ftehim bejnha u d-direttur.»

52. L-ewwel sub-inċiż ta' dan l-artikolu ma jagħmilhiex tassattiva li direttur jitneħħa skont ma jipprovdi l-artikolu 140. Jgħid biss li kumpannija tista' tneħħi direttur tagħha b'riżoluzzjoni kif imsemmi f'dan l-artikolu. Madankollu, f'sentenza riċenti l-Qorti tal-Appell qablet mal-argument li l-uniku mod ta' kif jista' jitneħħa direttur ta' kumpannija huwa skont ir-riżoluzzjoni msemmija fl-artikolu 140 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta (ara Oreste Cilia bħala direttur u azzjonista fis-soċjetà Cilia Products Limited v. Daniel Cilia et, Appell Superjuri, tat-23 ta' Novembru, 2020);

53. Għalhekk, din il-qorti sejra tqis li fil-każ tagħna, Dr Autenrieth ma setgħetx titneħħa mill-pożizzjoni tagħha ta' direttur jekk mhux permezz tal-proċedura kontemplata fl-artikolu 140 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Wara kollox, l-istatuti ta' assoċjazzjoni tal-kumpanniji konvenuti lkoll jgħidu li direttur għandu jżomm l-uffiċċju tiegħu sakemm huwa jmut, jirreżenja, jirtira jew inkella jiġi mneħħi mill-azzjonisti ta' kull klassi ta' azzjonijiet. Għalhekk, f'kull każ, huwa ċar li Dr Autenrieth bilfors kellha titneħħa minn direttur skont l-isemmi artikolu 140. Dan ifisser li sakemm ma jkunx hemm mewt jew riżenja, id-Director's Service Agreement seta' jintemm biss wara riżoluzzjoni meħuda skont l-istess artikolu;

54. Il-mistoqsija għalhekk hi din: Dr Autenrieth li l-qorti sabet li tneħħiet minn direttur minħabba raġunijiet validi, ħaqqha li tieħu kumpens skont il-klawsola 7.8 għar-raġuni biss li t-terminazzjoni tagħha ġiet formalizzata bil-proċedura msemmija fl-artikolu 140, proċedura li skont il-liġi Maltija trid tiġi użata bilfors biex jitneħħa direttur minn kumpannija?;

55. Hija regola ta' interpretazzjoni ta' kuntratti li meta l-kliem ta' kuntratt ikun ċar, dak li jkun qiegħed jinterpretah għandu joqgħod għal dak il-kliem u ma jistax joqgħod jistħajjel u jasal għal suppożizzjonijiet dwar x'jista' jfisser (ara l-artikolu 1002 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta; Sciberras Trigona v. Aneico, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 6 ta' Ottubru, 1883; u It-Tabib Dr Carmel sive Lino Gauci Borda et v. Carmelina sive Carmela Azzopardi et, Appell Superjuri, 29 ta' Ottubru, 2004). F'dan il-każ, il-partijiet jaqblu li l-kliem tal-klawsola 7.8 huwa wieħed ċar u univoku, iżda mbagħad huma jaslu għall-konklużjonijiet għalkollox opposti dwaru;

56. Huwa miżmum wkoll fil-ġurisprudenza li meta l-espressjonijiet ikunu ambigwi jew insuffiċjenti sabiex wieħed jiddetermina minnhom x'ikunu nnegozjaw bejniethom il-partijiet, il-ġudikant għandu jfittex li jifhem x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet meta kienu qegħdin jikkuntrattaw (ara l-artikolu 1003 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta; Stanislao Cassar et v. Chev. Antonio Cassar, Appell Superjuri, 15 ta' Diċembru, 1995; u Abel Adrian Balzan v. Joseph Aquilina, Appell Inferjuri, 9 ta' Mejju, 2007);

57. Wara kollox, in conventionibus contrahentium voluntatem potius quam verba spectari placuit – fil-kuntratti, ir-regola hija li għandu jingħata widen lill-intenzjoni tal-partijiet li jkunu kkuntrattaw u mhux lil kliemhom (ara Nobile Paolo Bolgna Strickland noe v. Salvatore Pisani et, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 18 ta' Ottubru, 1884);

58. Issa f'sitwazzjoni bħal din, fejn il-partijiet qegħdin jinterpretaw il-kuntratt b'manjiera diversa, ir-regoli dwar l-interpretazzjoni tal-kliem ta' kuntratt jiddettaw li mhijiex l-interpretazzjoni tal-partijiet li tiswa iżda huwa l-qari oġġettiv tal-ġudikant li jagħti lill-kliem is-sens ordinarju tiegħu fil-kuntest ta' kif ġie dan ġie użat mill-partijiet li kkuntrattaw (ara John Zammit v. Michael Zammit Tabone et noe, Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 1997 u Karmenu Vella v. General Workers Union, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 15 ta' Settembru, 2015);

59. Biex iwettaq dan l-eżerċizzju, il-ġudikant jista' jeżamina l-kondotta tal-partijiet kemm fil-fażi li ġiet qabel resqu għall-ftehim, kemm waqt il-konklużjoni tal-ftehim u kif ukoll wara li jkun intlaħaq il-ftehim. F'dan il-każ, sfortunatament, kemm Dr Autenrieth u kif ukoll il-kumpanniji konvenuti ma ressqu l-ebda prova dwar x'kienet l-intenzjoni tagħhom meta kien qiegħed jiġi diskuss il-kuntratt inkwistjoni. Ingħad biss kemm minn Dr Autenrieth u kif ukoll minn Jurgen Laartz, li l-kuntratt

ġie abbozzat minn Dr Stephanie Abela, iżda jidher li din baqgħet ma rrevedietx l-aħħar verżjoni tiegħu. Għalhekk, din il-qorti ma tistax tkun taf x'kellhom f'moħħhom il-partijiet meta kienu qegħdin jinnegozjaw il-kuntratt;

60. F'każ li ftehim jista' jkollu aktar minn sens wieħed jew aktar minn interpretazzjoni waħda, fid-dubju dan għandu jiġi mifhum fis-sens li jaqbel l-iżjed man-natura u l-oġġett tal-ftehim (ara l-artikolu 1005 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u Clementino Caruana et v. Emanuel Agius, Appell Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2002);

61. Regola oħra ta' interpretazzjoni hija dik misjuba fl-artikolu 1008 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, liema regola tapplika meta diversi dispożizzjonijiet ikunu marbutin flimkien (ara Nutar Albert E. Micallef et v. Marietta Tonna, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Jannar, 1950). Permezz ta' din ir-regola, il-klawsoli ta' kuntratt iridu jitfissru l-waħda bl-oħra, billi lil kull klawsola jingħata s-sens illi jidher mill-att kollu;

62. Fis-sewwa biex wieħed jista' jinterpreta klawsola kuntrattwali kif suppost wieħed għandu jħares għall-kumpless tal-għan wara dak il-ftehim. Għalhekk jista' jkun il-każ li biex kuntratt jiġi interpretat b'mod tajjeb wieħed m'għandux jieqaf fuq klawsola waħda iżda għandu jaqra dik il-klawsola flimkien ma' klawsoli oħra f'kuntest sħiħ u organiku;

63. Il-qorti hija tal-fehma li hija għandha tħaddem ir-regola misjuba fl-artikolu 1008 hawn fuq imsemmija sabiex hija tinterpreta l-klawsola 7.8 tal-kuntratt taħt eżami. Huwa ferm faċli li wieħed jasal għal interpretazzjoni ħażina ta' din il-klawsola jekk din tinqara f'iżolament mingħajr ma titqies fil-kuntest ta' klawsoli oħra li jinsabu fl-istess kuntratt. Fil-każ tagħna, il-klawsola 7.8 teħtieġ li tinqara ħaġa waħda flimkien mal-klawsoli 7.4, 7.5, 7.6 u 7.7; 64. Minn qari organiku tal-klawsoli 7.4, 7.5 u 7.7 il-qorti tifhem li l-kumpanniji konvenuti setgħu jtemmu l-kuntratt f'każ li kien hemm raġuni tajba biex dan iseħħ. Skont il-klawsola 7.6, il-kuntratt, f'kull każ, kellu jiġi mitmum skont l-artikolu 140 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġifieri permezz ta' riżoluzzjoni meħuda f'laqgħa ġenerali tal-kumpanniji;

65. Qari tal-klawsola 7.8 flimkien mal-klawsola 7.6 jista' jagħti x'jifhem li l-ħlas tal-kumpens huwa dovut anke f'każ li jkun hemm raġuni tajba biex jintemm il-kuntratt. Iżda, meta taqra l-imsemmija erba' klawsoli flimkien, il-qorti mingħajr dubju tasal għall-fehma li mhuwiex il-ħsieb tal-kuntratt li jagħti kumpens lil Dr Autenrieth anke f'każ li l-kuntratt tagħha jiġi tterminat fuq raġuni tajba. Li kieku mhuwiex hekk, il-paragrafu (a) tal-klawsola 7.8, li jgħid li l-attriċi mandanti għandha titħallas il-kumpens jekk il-kuntratt jiġi tterminat mingħajr raġuni tajba, jitlef is-sens kollu tiegħu. Tassew ma jagħmel l-ebda sens li l-partijiet jgħidu fil-kuntratt li Dr Autenrieth kellha titħallas il-kumpens jekk il-kuntratt jiġi tterminat mingħajr raġuni tajba u fl-istess nifs jgħidu wkoll li l-kumpens għandu jitħallas ukoll anke jekk ikun hemm raġuni tajba

biex jiġi mitmum il-kuntratt. Wara kollox is-sens komun ukoll jgħidlek li ħadd ma jista' jippretendi li jiġi kkumpensat jekk jirriżulta li ma jkunx qeda dmirijietu b'mod tajjeb. Il-qorti tabilħaqq jkollha tistqarr li hija ma tistax b'kuxjenza kwieta tordna li Dr Autenrieth tiġi mħallsa kumpens ta' €241,500 meta ħareġ b'mod ċar mill-ġbir tal-provi li l-kuntratt tagħha kellu jiġi tterminat minħabba nuqqasijiet fil-ħidma tagħha;

66. B'żieda ma' dan, il-qorti qiegħda ssaħħaħ din il-konvinzjoni tagħha billi tagħmel referenza għas-sub-inċiż (5) tal-artikolu 140 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan is-sub-inċiż jipprovdi kif ġej:

> «Ebda ħaġa f'dan l-artikolu m'għandha tittieħed li:
>
> (a) tiċħad lil persuna mneħħija bis-saħħa ta' dan l-artikolu mill-kumpens jew danni li għandhom jitħallsu lilha minħabba t-tmiem tal-ħatra tagħha bħala direttur jew ta' kull ħatra li tispiċċa ma' dik bħala direttur; jew
>
> (b) tnaqqas minn xi setgħa biex jitneħħa direttur li jista' jkun hemm minbarra dan l-artikolu.»

67. Mal-ewwel daqqa t'għajn dan is-sub-inċiż jista' jagħtik x'tifhem li kull direttur li jitneħħa skont il-proċedura kontemplata fl-artikolu 140 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta għandu jkun hemm dovut lilu kumpens jew danni. Madankollu, wara li din il-qorti kkonsultat ma' dak li jgħid l-awtur Andrew Muscat f'paġna 547 tal-ewwel volum tat-tieni edizzjoni tal-opra tiegħu Principles of Maltese Company Law, hija qiegħda tifhem li l-intenzjoni tal-leġislatur meta fassal dan l-artikolu kienet li direttur għandu jingħata biss kumpens mill-kumpannija jekk dina tneħħih mingħajr raġuni tajba. Fil-fatt, fi kliem Andrew Muscat:

> «The removal of a director under article 140(1) of the Companies Act may prove costly to a company, as the removal of a director under the statutory power does not, unless there was just cause for his dismissal, deprive him of any right to compensation or damages that may be payable to him in respect of the termination of his appointment as director or of any other appointment terminating contemporaneously with the termination of his appointment as director. If, for example, the director is the managing director or an executive director under a contract of service and his removal also brings to an end such post, then the director may be entitled to compensation for unfair dismissal or for breach by the company of the service contract (whether the contract is express or implied).»

68. Għalhekk, fil-dawl tal-ispjegazzjoni mogħtija fis-silta hawn fuq riprodotta, din il-qorti m'għandha l-ebda dubju li l-intenzjoni li kellhom il-partijiet meta laħqu l-ftehim inkwistjoni kienet li Dr Autenrieth kellha titħallas biss il-kumpens skont il-klawsola 7.8 f'każ li hija tiġi mneħħija mill-kariga ta' direttur mingħajr raġuni tajba. Tassew, fil-każ tagħna ma jistax jingħad li t-tneħħija tagħha minn direttur saret inġustament jew inkella bi ksur tal-kuntratt għaliex il-kumpanniji konvenuti kellhom

raġuni valida biex itemmu l-kuntratt tagħha skont il-paragrafu (b) tal-klawsola 7.5 tal-istess kuntratt;

69. Din il-qorti lanqas taqbel mat-teżi ta' Dr Autenrieth fejn hija tgħid li l-imsemmi kuntratt ma ġiex mitmum skont il-klawsola 7.5 tal-kuntratt għaliex hija ma rċevitx avviż li l-kuntratt kien sejjer jiġi terminat ġimagħtejn qabel ma' l-kuntratt ġie fil-fatt imwaqqaf (ara n-nota ta' sottomissjonijiet tagħha f'paġna 280 tal-atti). Il-qorti jirriżultalha li l-avviżi dwar il-laqgħat ġenerali staordinarji li kienu sejrin iseħħu fid-29 ta' Awwissu, 2018, fejn kienet sejra tiġi diskussa r-riżoluzzjoni biex hija titneħħa minn direttur tal-kumpanniji konvenuti, inħarġu fit-13 ta' Awwissu, 2018. Dr Autenrieth ġiet imneħħija minn direttur b'effett immedjat fid-29 ta' Awwissu, 2018 u għalhekk ir-rekwiżiti tal-klawsola 7.8 tal-kuntratt inkwistjoni ġew għalkollox sodisfatti. Wara kollox, kienet Dr Autenrieth stess li fl-affidavit tagħha stqarret li fit-13 ta' Awwissu, 2018 hija kienet ġiet infurmata li kien sejjer jintbagħtilha avviż sabiex issir laqgħa straordinarja tal-azzjonisti bil-għan li tiġi diskussa t-tneħħija tagħha minn direttur tal-kumpanniji konvenuti. Barra minn hekk, hija ngħatat l-opportunità biex tiddefendi lilha nnifisha fil-laqgħa fejn ġiet diskussa t-tneħħija tagħha (ara l-affidavit tagħha f'paġna 46 tal-atti u d-dikjarazzjonijiet moqrija minnha li jinsabu f'paġni 54, 70 u 86 tal-atti). Għalhekk, dan l-argument ta' Dr Autenrieth qiegħed jiġi mwarrab;

70. Bħala għeluq, il-qorti tirreferi wkoll għar-regola ta' interpretazzjoni misjuba fl-artikolu 1009 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jaqra hekk:

> «Fid-dubju, il-konvenzjoni tiġi mfissra kontra dak li favur tiegħu saret l-obbligazzjoni u favur dak illi ntrabat bl-obbligazzjoni.»

71. M'hemmx dubju li l-klawsola 7.8 tal-kuntratt, li tipprovdi għall-ħlas ta' kumpens hija maħsuba biex toħloq obbligazzjoni favur Dr Autenrieth mingħand il-kumpanniji konvenuti. Dan huwa deċiżiv għall-interpretazzjoni ta' din il-klawsola u għalhekk, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, din il-qorti qiegħda tagħżel li tinterpreta din il-klawsola kontra Dr Autenrieth, li hija l-persuna li favur tagħha saret l-obbligazzjoni, u favur il-kumpanniji konvenuti, li huma dawk li ntrabtu b'din l-obbligazzjoni (ara f'dan is-sens Giovanni Bugeja v. Carmelo Pisani, Qorti tal-Kummerċ, 14 ta' Novembru, 1951);

72. Illi għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, din il-qorti sejra tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-kumpanniji konvenuti safejn dawn jaqblu mar-raġunament hawn fuq milħuq, filwaqt li tiċħad it-talbiet ta' Dr Autenrieth;"

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

12. Permezz ta' din l-azzjoni l-attriċi qed titlob li s-soċjetajiet appellati jiġu kkundannati jħallsuha kumpens ta' €241,500 li hija tgħid huwa dovut lilha skont il-kuntratt konkluż bejn il-partijiet fi Frar tas-sena 2018. L-Ewwel Qorti sabet li dan il-kumpens effettivament mhuwiex dovut lill-attriċi għaliex is-soċjetajiet appellati kellhom raġuni ġusta sabiex jitterminaw il-ftehim imsemmi, u kien għalhekk li l-attriċi ntavolat dan l-appell.

13. Din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-appellanta li skont il-liġi l-Ewwel Qorti ma setgħatx tagħmel interpretazzjoni tal-ftehim konkluż bejn il-partijiet għaliex il-kliem tal-kuntratt huwa ċar. Tant mhuwiex ċar il-kliem tal-kuntratt li l-klawsola 7.8 ingħatat interpetazzjoni kunfliġġenti mill-partijiet, u għalhekk huwa ċar li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta għaddiet sabiex tinterpreta l-ftehim milħuq bejn il-partijiet sabiex tiddetermina eżattament x'kien dak li ġie miftiehem bejniethom. Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li ċ-ċirkostanzi ndikati bħala (a) u (b) fil-klawsola 7.8 tal-kuntratt huma kontradittorji. Iċ-ċirkostanza (a) tipprospetta li *severance payment* jkun dovut lil Dr. Autenrieth fil-każ illi l-kuntratt jiġi tterminat mingħajr raġuni valida. Iċ-ċirkostanza (b) imbagħad tipprospetta li Dr. Autenrieth tkun intitolata għal *severance payment* jekk il-ħatra tagħha tiġi tterminata għall-għanijiet tal-Artikolu 140 tal-Att Dwar

il-Kumpaniji. Kif sewwa osservat l-Ewwel Qorti pero`, il-ħatra ta' Dr. Autenrieth dejjem u tabilfors kellha tiġi tterminata għall-għanijiet ta' dan l-artikolu, u dan in vista tat-tieni sub-inċiż tal-istess artikolu li jipprovdi li l-Artikolu 140 għandu japplika "minkejja kull ħaġa li tinsab fil-memorandum jew fl-istatut tal-kumpanija jew f'xi ftehim bejnha u d-direttur." Għalhekk l-Ewwel Qorti kellha raġun meta kkonsidrat li ċ-ċirkostanzi ndikata bħala (b) fil-klawsola 7.8 ġġib fix-xejn dik indikata bħala (a), għaliex jekk Dr. Autenrieth hija dejjem dovuta *severance payment* x'kien l-iskop li fil-klawsola 7.8 tissemma ċ-ċirkostanza ta' terminazzjoni mingħajr raġuni valida? Minn dan isegwi li l-argument tal-appellanta li l-kuntratt in kwistjoni huwa ċar u li għalhekk il-liġi ma tippermettix l-interpretazzjoni tiegħu ma jreġix.

14. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-eżerċizzju ta' nterpretazzjoni magħmul mill-Ewwel Qorti kien wieħed korrett, billi sar permezz ta' analiżi komprensiva tal-klawsoli tal-kuntratt in kwistjoni u kif dawn jaħdmu u jinftehmu flimkien, u fid-dawl tal-artikoli tal-liġi applikabbli. Ma' dak ikkonsidrat mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti żżid li skont l-Artikolu 1009 tal-Kodiċi Ċivili "fid-dubju, il-konvenzjoni tiġi mfissra kontra dak li favur tiegħu saret l-obbligazzjoni u favur dak illi ntrabat bl-obbligazzjoni." Dan ikompli jsaħħaħ ir-raġunament tal-Ewwel Qorti, li in vista tad-dubbju maħluq mill-evidenti kontradizzjoni taċ-ċirkostanzi (a) u (b) tal-klawsola 7.8, skont l-Artikolu 1009 il-Qorti għandha ta' bilfors tinterpreta l-kuntratt favur is-

soċjetajiet appellati, u ċioé l-partijiet tal-kuntratt li ntrabtu bl-obbligazzjoni favur Dr. Autenrieth.

15. Dwar il-kwistjoni ta' liema proċedura ġiet adoperata għat-tneħħija ta' Dr. Autenrieth, din il-Qorti taqbel mas-soċjetajiet appellati li l-kwistjoni tan-*notice* ma twassalx waħedha u awtomatikament għad-determinazzjoni tar-raġuni li biha ġiet itterminata l-ħatra ta' Dr. Autenrieth. Fil-fehma tal-Qorti l-argument tal-appellanta li t-tneħħija tagħha saret biss għall-għanijiet tal-Artikolu 140 tal-Att Dwar il-Kumpaniji huwa żbaljat. Kif diġa` ġie kkonsidrat, it-tneħħija ta' Dr. Autenrieth minn direttur tas-soċjetajiet appellati kellha dejjem issir għall-għanijiet tal-Artikolu 140 tal-Att Dwar il-Kumpaniji, irrispettivament mir-raġuni għalfejn is-soċjetajiet appellati riedu jitterminaw il-ħatra tagħha. Għalhekk ir-referenza li saret għal dan l-artikolu fin-*notice* għall-laqgħa straordinarja ma tistax tittieħed għal rasha kif għamlet l-appellanta fl-appell tagħha. Il-Qorti tosserva fil-fatt li meta l-appellanta ngħatat in-*notice* għal din il-laqgħa ġie ndikat ċar u tond li t-tneħħija tagħha kienet qed tiġi kkonsidrata minħabba r-raġunijiet prospettati fil-klawsola 7.5 tal-ftehim. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, oġġettivament Dr. Autenrieth ma seta' qatt kellha dubju dwar ir-raġuni għalfejn is-soċjetajiet appellati riedu jneħħuha mill-kariga tagħha, tant illi hija stess kienet għamlet sottomissjonijiet bil-miktub fejn indikat u spjegat ir-raġunijiet tagħha għalfejn ma kienx hemm raġuni tajba biex titneħħa mill-kariga tagħha.

16. Minn dan isegwi wkoll li t-tieni aggravju tal-appellanta huwa nfondat. Kif ikkonsidrat l-Ewwel Qorti n-nuqqasijiet ta' Dr. Autenrieth kienu sostanzjali kkonsidrat il-pożizzjoni u r-remunerazzjoni tagħha, u mill-provi jirriżulta li dawn wasslu għal diffikultajiet biex is-soċjetajiet appellati jirċievu nvestiment formali mill-investituri tagħhom, proprju kif prospettat fil-klawsola 7.5(b). Inoltre, il-Qorti tosserva li kienet l-attriċi stess li premettiet fil-premessa numru 11 li l-ftehim ġie tterminat mingħajr raġuni valida, u għalhekk l-Ewwel Qorti kienet obbligata li teżamina jekk dan huwiex minnu. Mill-eżami kondott mill-Ewwel Qorti tal-provi prodotti quddiemha rriżulta ampjament li Dr. Autenrieth naqset serjament fl-obbligi tagħha, tant illi s-soċjetajiet appellati kellhom iħallsu €341,000 f'taxxa mhux imħallsa u penali lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud minħabba nuqqasijiet ta' Dr. Autenrieth stess, oltre li minkejja l-pożizzjoni tagħha ma kinitx taf x'inhu Jobsplus (tant li ma rreġistratx numru ta' mpjegati), ma kinitx taf x'inhuma *monthly management accounts,* ma poġġietx fis-seħħ sistema ta' rappurtaġġ finanzjarju u lanqas ma ħadet ħsieb tara li bejn il-kumpaniji appellati jkun hemm kuntratti li jirregolaw il-pożizzjoni legali, fiskali u finanzjarja ta' bejniethom. Minħabba dawn in-nuqqasijiet is-soċjetajiet appellati ma kinux f'pożizzjoni li jirċievu nvestiment formali sal-2019, u għalhekk jirriżulta ampjament li, a kuntrarju ta' dak allegat mill-appellanti, kien hemm raġuni

valida għall-għanijiet tal-Artikolu 7.5(b) għat-terminazzjoni tal-kuntratt tagħha.

17. Għaldaqstant dan l-appell huwa manifestament infondat u qiegħed jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-attriċi u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kollha kontra l-attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da